# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru mija u tmienja (108) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2012, fis-6:50pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATA: | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Is-Sindku Noel Galea ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Grace Marie Mallia kienet skużata għax kienet ma' tiflaħx.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati b'mod unanimu wara li dawn kienu ppreżentati minn ġurnata qabel lill-kunsillieri mis-SE, kienu korretti kif jidhru fuq il-kopja oriġinali u inizjalati u ffirmati.

**PUNTI LI ĦARĠU MILL-MINUTI**

4. Dwar il-każ tal-offerta pubblika tal-knis tat-toroq li għad irid jinstema' quddiem il-PCRB, is-Sindku qal li dan is-smiegħ tħassar *sine die*. Il-KLM se jipprova jagħmel kopja tal-*file* oriġinali li bħalissa qiegħed taħt il-kustodja tal-PCRB.

5. Dwar il-proġett ta' Miżura 313, is-Sindku u s-SE kellhom laqgħa oħra (bilateral meeting) mal-uffiċjali tal-Aġenzija tal-Pagamenti. Waħda mill-*issues* ittrattati kienu l-kontijiet tal-*Items Addizzjonali*, cioe' li nistennew stima mill-perit tal-dawn l-*items* kollha addizzjonali biex dawn ikun preżentat il-każ lill-Aġenzija tal-Pagamenti mill-KLM peress li dawn il-kontijiet (s'issa tnejn b'kollox) għadhom mhux qed jgħadduhomlna.

6. Dwar l-istess proġett issemmew id-diffikultajiet li qed ikollu jħabbat wiċċu magħhom il-KLM bil-kontenituri tal-*bring-in-site* propju fis-sit tal-proġett; peress li dawn qed ikunu mimlija u xi irrisponsabbli qed jitfgħu l-iskart madwarhom. Issemma' wkoll il-bżonn li jiġu rinfriskati ir-*road markings* fl-istess zona peress li dawn jew ma jeżistux (peress li t-triq tinsab bl-ewwel kisja ta' *hot tarmac*) jew tfew wisq biex ikunu viżibbli.

7. Nicholas Briffa qal illi madwar ir-*roundabout* għadu mingħajr il-*wearing course* tat-tarmac. Is-Sindku qal li minn naħa tagħna minkejja t-tweġiba fin-negattiv minn Transport Malta (TM) se nippruvaw inġibu t-tarmak mill-Gvern Ċentrali. Hawn issemma' kif l-istima li pproponejna lill-TM u li għamel il-Perit tal-KLM kienet waħda għolja u ma kienx probabbli li se ningħataw tweġiba fl-affermattiv. Dwar dan id-Deputat Sindku qal li l-aħjar hu illi jibgħatulna Perit minn TM u jaraw x'hemm bżonn li jsir.

8. Dwar il-ħsarat li rriżultaw fi Triq tas-Sejba, Nicholas Briffa qal illi minkejja li għamilna t-tabelli issa ġejja x-xitwa u bl-ilma tax-xita tista ssir xi traġedja għaliex hemm ir-riskju li jinqaleb xi ħadd bil-vettura tiegħu. Is-Sindku wieġeb li ta' dan hemm sensiela ta' e-mails fejn anke irrappurta 'il ministeru responsabbli dwar dan id-dewmien esaġerat.

9. Intant, dwar it-tlestija tal-proġett pilota, is-Sindku rrimarka li fil-kuntratt li kellna mal-kuntrattur Asfaltar Ltd, hemm iswed fuq l-abjad illi l-aħħar pagament mhux se jitħallas qabel il-31 ta' Diċembru, 2013. Intant is-SE ġie mitlub biex wara li kien ippreżenta is-*Supplier Transaction History* ta' dawn l-aħħar tliet snin ta' Asfaltar Ltd, issa jippreżenta fil-KLM l-istess ħaġa għall-Perit Anthony Bezzina. Kien ukoll mitlub mill-kunsillieri illi jwettaq eżerċizzju biex ikunu stabbiliti l-varjanzi tal-qisien (f'metri kwadri ecc) tal-għoti tat-tarmac u fuq kollox il-varjanzi mill-istimi tal-2009, qabel ma kkwalifikajna għall-proġett pilota.

10. Dwar il-proposta ta' tpoġġija ta' Wi-Fi fil-proprjeta' tal-Parroċċa tal-Imqabba, is-Sindku talab lil Paul Spiteri jkompli bit-taħditiet mal-Kappillan il-ġdid biex finalment jibda' jitgawda s-servizz mill-poplu.

11. Peress li waqt is-serata Ġieh l-Imqabba tal-20 ta' Ottubru, 2012, inqata' l-kurrent elettriku tas-sala tal-iskola u tħarbat kollox, u minkejja konsulta qasira li saret dak il-ħin mill-kunsillieri preżenti mad-diriġenti tal-każin u tal-banda tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ), is-Sindku ħabbar li s-serata se ssir nhar il-Ħadd, 4 ta' Novembru, issa sirna nafu mill-każin illi dak in-nhar se jkun hemm attivita' tal-Għaqda tal-Banda u xi bandisti tagħhom se jkunu qed idoqqu hemm. Għaldaqstant, peress li kull min kien fis-sala kien infurmat li mhux se jintbagħtu l-inviti, in-nies mingħalija li din xorta se tittella' dak in-nhar (4.11.12). Madankollu dwar id-data alternattiva proposta mis-SMMTĠ li hija l-10 ta' Novembru, is-Sindku qal li kien infurmat illi s-Soċjeta' għad-Dutrina Kristjana (MUSEUM) se jiċċelebraw it-80 sena tal-MUSEUM fl-Imqabba b'quddiesa u riċeviment u qal li ma tkunx etika li s-serata tiġi organizzata dak in-nhar. Il-kunsillieri pproponew li nagħtu lis-SMMTĠ żewġ dati aħna, minkejja li kien deċiż aktar tard li l-aħjar proposta hija li l-attivita' ssir nhar is-17 ta' Novembru. Dwar il-ħlas, is-SMMTĠ infurmat lill-KLM illi ġaladarba qed jintalab servizz ta' banda f'data differenti, is-soċjeta' għandha terġa' titħallas l-amont dovut ta' servizz. Dan fid-dawl illi fl-20 ta' Ottubru, 2012, il-banda kienet diġa' bdiet iddoqq u għaldaqstant il-bandisti iridu jitħallsu mis-soċjeta'. Għal dan, is-SE ġibed l-attenzjoni illi l-pagamenti dovuti ser jaqbżu l-ammont ta' €1165 u għalhekk għandha tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet. Il-KLM iddeċieda illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ssir talba bil-miktub lis-SMMTĠ sabiex għat-tieni servizz jiġi mħallas 50% tal-prezz mitlub għas-servizz tal-20 ta' Ottubru, 2012.

12. Il-KLM ħa nota tal-proposta ta' Paul Spiteri illi jekk dan mhux se jkun aċċettat mill-każin għandna nikkunsidraw li mmexxu l-attivita' għall-ħabta tal-Milied, b'attivita' li fiha jingħata b'inqas formalita' dan l-unur ta' Ġieh l-Imqabba 2012.

13. Dwar il-proposta li l-KLM jgħin fit-tqassim u l-ipprintjar ta' ktejjeb f'kull dar fir-raħal mitbugħ mill-istorika Carmen Lia, issa irċevejna xi wħud mill-artikli li fih dan il-ktieb li wkoll ġew iċċirkulati lill-kunsillieri b'kunfidenzjalita' kbira biex il-KLM jasal għad-deċiżjoni tiegħu.

14. Is-SE kien awtorizzat li jagħmel kuntatti ma' *Heritage Malta* dwar it-tindif mid-drenaġġ li żbroffa fil-katakombi tal-Mentna, wara li kien iltaqa' magħhom is-Sindku u s'issa ma nafu li sar xejn.

15. Se tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lid-diriġenti tal-Kor Żvediż li kien fostna għal Jum l-Imqabba fejn ta l-kontribut tiegħu sabiex jinżamm kunċert fl-iskola Primarja tal-Imqabba minkejja n-nuqqas kbir ta' attendenza. Madankollu id-deputat Sindku qal li l-uffiċjali tal-Każin ta' Sta Marija kienu ospitabbli ħafna u kulħadd ħa pjaċir jitħallat b'kulturi differenti anke waqt festin li sar fi tmiem l-attivita' fl-Iskola Primarja tal-Imqabba.

16. Is-SE kien mitlub illi jibgħat ittri ta' ringrazzjament lil bosta voluntieri illi taw sehmhom fl-attivita' tal-5 t'Ottubru fosthom lil *Farsons Direct* tal-birra li offrew lil bandisti, lil Leli Camilleri li esebixxa l-vetturi antiki, lil-Buz Dov talli pprovdielna l-knaten, lil Renie Scicluna tal-makkinarju, lill-Michel li pprovdiena bis-servizzi tiegħu biex saret replica tal-barriera, lill-

artisti kollha li esebew biċċiet tal-arti, lill-Martin Gauci tal-palk lil dawk tal-vitikultura, kantanti u oħrajn.

**AGENDA**

17. Kien appuntat il-bord tal-għażla ta' skrivan *full time* fi skala XV mal-KLM biex jintervista lil kandidati li pprovdewlna l-ETC. Dan il-bord hu kompost mis-Sindku, id-Deputat Sindku, il-kunsillier Nicholas Briffa u s-SE. L-intervisti se jsiru nhar it-2 ta' Novembru fis-1:00pm fl-uffiċċju tas-Sindku u se nagħtuhom għaxar minuti kull wieħed. Il-kriterji se jkunu dawk tad-disponibbilita' (availability) u l-flessibilta' li wkoll noperaw il-librerija pubblika (flexibility) dejjem bażati fuq punteġġi wħud minnhom ibbażati fuq il-mertu tal-kwalifiċi tal-kandidati.

**PUNTI OĦRA**

18. Paul Spiteri talab li jinqatgħu il-qasab li ħerġin 'il barra mill-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Ħal Kirkop, viċin Triq il-Murselli.

19. Nicholas Briffa semma' it-tabella tal-*istop* li kien waħħal il-KLM ftit tax-xhur ilu fir-*roundabout* fi Triq Ħal Farruġ fejn Triq tas-Sejba. Din trid tinqala' u ssir qabel ir-*roundabout*, propju fejn kienet mal-ħajt tal-barriera. Il-kunsillieri irrimarkaw għar-*road marking* tal-*give ways* li sparixxew għal kollox għal min ikun ġej minn Triq is-Siġġiewi.

20. Paul Spiteri irrefera wkoll għal tabella tan-*No Entry* li qal li trid tiġi mal-propjeta' tas-Sur Cisju Dingli f'Misraħ il-Fidwa.

21. Is-Sindku semma' l-fanal tan-naħa tal-ħanut tal-merċa qrib il-proprjeta' tal-familja Camilleri li l-arblu tal-*cast iron* għandu l-bieba miftuħa. Hu talab lis-SE sabiex jinforma lill-ħaddiema tal-IPSL u l-Community Works Scheme wara li issa telaq Alfred Farrugia u ssieħbu magħna Godfrey Baldacchino u George Farrugia sabiex jagħlquh.

22. Charles Farrugia se jkun qed jistampa mill-ġdid l-inviti tas-serata Jum l-Imqabba u s-SE se jipprovdih bid-dettalji biex inħaffu l-proċess, dejjem jekk ikun hemm qbil fuq il-ħlas u d-data mill-każin.

23. Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-KLM ittra li bagħtulu ż-żgħażagħ tal-każin ta' Sta Marija fejn din is-sena se jkunu qed jiċċelebraw l-anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ bit-tqegħid ta' qsari tal-*ficus* f'erba pożizzjonijiet maz-zuntier tal-knisja, propju wara l-bankijiet. Peress li hemm razza tal-*ficus* li jagħmlu ħafna ħsara għaliex jikbru ħafna, minkejja li dawn f'qasrija ma jistgħux jikbru kemm iridu, se nistaqsuhom x'tip ta' siġar huma filwaqt li m'għandux ikollna diffikulta' għal din il-proposta.

24. Is-Sindku semma' s-sit perikoluż għax-xufiera fi Triq tas-Sejba kważi fil-kantuniera int u nieżel lejn Ħal Farruġ maġenb il-*fence* tal-Ajruport. Hu qal illi se jitlob sabiex jinħatt biċċa oħra mill-ħajt tal-għelieqi ma dak li diġa' nħadt mil-KLM biex tiżdied il-viżibilita' għall-vetturi li jaqsmu minn dan il-post tant perikoluz. Kienet milqugħa proposta tas-SE ta' tpoġġija ta' *fence* flok il-ħajt bħalma diġa' għamel il-KLM fi nħawi oħra bħal dak tal-ġibjun, biex jinżammu l-*plots* vojta nodfa.

25. Paul Spiteri semma' l-importanza li jitpoġġa' l-*bus shelter* li hemm diġa' l-approvazzjoni tiegħu tal-MEPA fi Triq tas-Sejba wara li inqala' dak ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, qabel ma taqbad sew ix-xitwa, ħalli wieħed ikollu fejn jistkenn. Is-Sindku wieġeb li wara li l-KLM ilu xhur sħaħ li applika l-MEPA u ġab l-approvazzjoni, TM għadha ma nstallat l-ebda' bus shelter kif wiegħditna.

26. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet bil-proposta ta' skavar ta' *storm water catchment* li jiswa' €9,978.61, fi Triq il-Qattara biex ma jkunx hemm aktar inkonvenjent mill-ilma tax-xita għall-familji, peress li issa jidher li ġiet taqleb lejhom aktar it-triq.

27. Paul Spiteri fakkar lis-SE sabiex jintbgħat iċ-cheque ta' €150, lil Tony Nichols fuq l-indirizz tal-Gharghur, għall-midalji li kienu diġa' approvati biex jingħataw waqt is-serata li sfrattat nhar is-Sibt li għadda. Is-SE se jfittex l-invoice.

28. Nicholas Briffa talab lis-SE sabiex jgħaddi mill-ġdid permezz ta' e-mail is-cv' s tal-kandidati li se jkunu intervistati biex timtela' l-vakanza ta' skrivan full time. Dawn l-intervisti se jsiru nhar it-2 ta' Novembru, fis-1:00pm

29. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u se ssir dik li jmiss nhar il-5 ta' Novembru fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*06/ 11/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |